MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 2366/2000/1

**Atlas Insurance Agency Limited. agenti Malta tas-Socjeta' estera Axa Insurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited**

**vs**

**1. Seamalta Company Limited u**
**2. The Cargo Handling Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici assikuratrici ppremettiet:

Billi fit-2 ta' Novembru 1999 is-socjeta' Michael Attard Limited importat gewwa Malta fuq bastiment Maltese Falcon konsenja ta' vetturi Peugeot liema konsenja giet ikkonsenjata lill-assikurat tal-attur bid-danni u nuqqasijiet;

Billi ai termini tal-polza ta' Assigurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tad-danni li sofra u b'hekk issa hu surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat;

Billi l-attur jikkwantifika id-danni fil-merkanzija de qua fl-ammont ta' elf tlett mija u tmienja u tletin lira u disghin centezmu (Lm1338.90) li maghhom jizdied l-ammot ta' sitta u hamsin lira (Lm 56) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta' elf tlett mija u erba u disghin liri u disghin centezmu (Lm 1394.90);

Billi il-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni;

Ghalhekk is-socjeta attrici tablet li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur,

2. tillikwida id-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm1394.90;

3. tikkundanna lill-konvenuti jew minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm1394.90 bhala danni sofferti mill-attur li ghalihom huma responsabbli il-konvenuti jew min minnhom;

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontra il-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici assikuratrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn gie eccepit :-

Illi jinkombi fuq is-socjeta’ attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi de quo kienu taht il-kontroll effttiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta’ eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta’ eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ eccipjenti dejjem agixxiet bhala bonus paterfamilias fil-konfront tal-merkanzija fdata lilha u ghalhekk ukoll mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati;

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;

Illi, subordinatament u minghajar pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici ghall-hlas ta’ l-interess legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi din l-Onorabbli Qorti qeghda bl-istess citazzjoni tintalab mis-socjeta’ attrici tillikwida l-ammont dovut, liema likwidazzjoni a tistax issir hlief fis-sentenza finali;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Company Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Seamalta Company Limited fejn gie eccepit :-

Fl-ewwel lok li t-talbiet tal-atturi la huma fondati fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Fit-tieni lok il-klawzola tal-esneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati;

Fit-tielet lok li s-socjeta' konvenuta kkonsenjat l-merkanzija fl-istess stat li giet lilha konsenjata u fl-istat li rcevithom hlief ghad-danni mnizzla fit-tally sheet;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta Seamalta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Janar 2004 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat :

Is-socjeta attrici asikuratrici, fic-citazzjoni, tippremetti illi fit-2 ta' Novembru 1999 is-socjeta' importatrici Michael Attard Limited importat mal-bastiment Maltese Falcon kwantita' ta' vetturi tal-marka "Peugeot". Meta dawn il-vetturi gew konsenjati lis-socjeta impotatrici instab li uhud minnhom kellhom xi nuqqasijiet u xi hsarat;

Skond il-polza relattiva s-socjeta attrici assikuratrici hallset lis-socjeta importatrici s-somma ta' elf tlett mija u tmienja u tletin lira u disghin centezmu (Lm1338.90) u dana ghall-imsemmija hsarat u nuqqasijiet. Sabiex saret is-survey ghal fini li jigu riskontrati l-istess hsarat u nuqqassijiet thallset is-somma ulterjuri ta' sitta u hamsin lira (Lm56). Ghalhekk is-socjeta attrici assikuratrici kkwantifikat id-danni kollha sofferti fis-somma komplessiva ta' elf tlett mija u erba u disghin liri u disghin centezmu (Lm1394.90). Is-socjeta attrici tkompli tippremeti li b'hekk hi giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-imsemmija assigurati taghha. Is-socjeta attrici ssostni li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni.

Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li jigi dikjarat li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-imsemmija hsarat u li dawn id-danni jigu likwidati fl-insemmija somma totali ta’ Lm1394.90. Is-socjeta attrici qed titlob ukoll li l-konvenuti, jew minnhom, jigu kundannati jhallsu l-istess ammont in linea ta’ danni;

Is-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Company Limited teccepixxi li s-socjeta attrici ghandha tipprova li l-allegati hsarat u nuqqasijiet sehhew meta l-vetturi in kwestjoni kienu fil-pussess u kontroll tas-socjeta’ eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess hsarat u nuqqasijiet. Teccepixxi ukoll li hi mhux responsabbli ghall-allegati danni u li dejjem agixxiet bhala bonus paterfamilias fil-konfront tal-merkanzija in kwestjoni. Finalment teccepixxi li l-ammont pretiz huwa eccessiv u li t-talba ghall-interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni hija insostenibbli;

Is-socjeta l-ohra konvenuta Seamalta Company Limited teccepixxi li t-talbiet attrici la huma fondati fil-fatt u lanqas fid-dritt u illi hemm klawzola tal-esneru fil-polza tal-karigu u ghalhekk is-socjeta eccpijenti mhux responsabbli ghad-danni reklamati Finalment is-socjeta Sea Malta tecepixxi li hi kkonsenjat l-merkanzija fl-istess stat li giet lilha konsenjata bl-eccezzjoni tal-hsarat u nuqqasijiet indikati fit-tally sheet;

Mill-provi jirrizulta li meta il-karozzi tnizzlu minn abbord saret “joint tally” bejn rappresentanti taz-zewg socjetajiet konvenuti, cioe’ Seamalta u Cargo Handling. Kopja ta’ dan id-dokument hi esibita a fol.26. Gew innotati fuq dan id-dokument varji hsarat u nuqqasijiet. Ghalhekk jirrizulta sufficjentement pruvat li l-hsarat li hemm rimarkati fil-“joint tally” sehhew meta l-vetturi kienu abbord u konsegwentement is-socjeta konvenuta Seamalta ghandha tigi ritenuta responsabbli ghall-hsarat u nuqqasijiet indikati fl-imsemmi dokument a fol.26;

Meta il-vetturi nhargu mid-dwana inhareg il-Gate Pass Out, fejn ukoll gew innotati hsarat u nuqqasijiet li sofrew il-vetturi in kwestjoni. F’dan ir-rigward irrizulta li

rappresentant tas-socjeta importatrici ezamina il-vetturi importati meta dawn kienu f'Laboratory Wharf, cioe' qabel ma gew sdoganati. Huwa rriskontra diversi hsarat u nuqqasijiet li gew ukoll indikatri fl-istess Gate Pass Out. Kopja ta' dan id-dokument hi esibita a fol.7. Dan id-dokument hu ffirmat kemm mir-rappresentant tas-socjeta importatrici, kif ukoll minn rappresentant tas-socjeta konvenuta Cargo Handling;

Hemm differenzi bejn il-hsarat u n-nuqqasijiet elenkati fid-dokument a fol.26 u dawk elenkati fl-imsemmi dokument a fol.7. Hemm aktar hsarat u nuqqassijiet fil-Gate Pass Out. Is-socjeta konvenuta Cargo Handling ghandha tigi ritenuta responsabbli ghal dawk il-hsarat u nuqqasijiet li huma elenkati fil-Gate Pass Out pero' mhux elenkati fil-Joint Tally a fol.26;

B'referenza had-dokument a fol.9 tal-process jjistghu jigu likwidati dawk id-danni li ghandhom jithallsu mis-socjeta konvenuta Seamalta u dawk li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta konvenuta l-ohra Cargo Handling. Konsegwentement id-danni dovuti mis-socjeta konvenuta Seamalta jammontaw ghas-somma ta' tmien mija u erbatax liri maltin u erba u hamsin centezmi (Lm814.54). Dawk li ghandhom jigu supportati mis-socjeta konvenuta l-ohra Cargo Handling jammontaw ghall-ammont ta' hames mija u erba u ghoxrin liri maltin u sitta u tletin centezmi (Lm524.36). L-ammont li thallas ghas-survey ghandhu jinqasam ugwalment bejn iz-zewg konvenuti li b'hekk ghandhom ihallsu l-ammont ulterjuri ta tminja u ghoxrin liri maltin (Lm28) kull socjeta konvenuta;

Kwantu ghall-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti ghandu jinghad li dawn ghandhom jigu michuda. Difatti l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited jirreferu (b'mod generali) ghan-nuqqas ta' responsabilta taghha ghar-rigward tad-danni in kwestjoni. Jirrizulta pero' sufficjentement li xi uhud mill-hsarat u nuqqasijiet sehhew meta l-vetturi kienu fil-pussess u taht is-sorveljanza tal-istess socjeta konvenuta Cargo Handling. Finalment ghandu jinghad li ma ngibet l-ebda prova biex jintwera li l-ammonti pretizi huma

eccessivi. Kwantu ghall-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Seamalta Company Limited dawn l-eccezzjonijiet ma jirrizultawx sufficjentement;

Jinghad ukoll li l-imghaxxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta’ din is-sentenza;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li z-zewg socjetajiet konvenuti huma responsabbli, fil-konfront tas-socjeta attrici assikuratrici, ghal-hsarat u nuqqasijiet fil-merkanzija in kwestjoni tal-assigurati tas-socjeta attrici u dana kwantu ghas-socjeta konvenuta Seamalta Company Limited fis-somma ta’ tmien mija u tnejn u erbghin liri maltin u erba u hamsin centezmi (Lm842.54) u kwantu ghas-socjeta konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Limited fis-somma ta’ hames mija u tnejn u hamsin liri maltin u sitta u tletin centezmi (Lm552.36) u tikkundanna s-socjeta konvenuta Seamalta Company Limited thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta’ tmien mija u tnejn u erbghin liri maltin u erba u hamsin centezmi (Lm842.54) in linea ta’ danni u lis- socjeta konvenuta l-ohra The Cargo Handling Company Limited thallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta’ hames mija u tnejn u hamsin liri maltin u sitta u tletin centezmi (Lm552.36) ukoll in linea ta’ danni. Il-konvenuti qed jigu kundannati ihallsu l-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjes jithallsu kwantu ghall zewg partijiet minn tlieta (2/3) mis-socjeta konvenuta Seamalta u kwantu ghar-rimanenti parti wahda minn tlieta (1/3) mis-socjeta kovenuta l-ohra Cargo Handling.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------